



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 9 ta' Settembru 2013 (25.09)  
(OR. en)**

**13444/1/13  
REV 1**

**PUBLIC 64  
INF 153**

**NOTA**

---

Suġġett: **SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL MEJJU 2013**

---

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Mejju 2013 <sup>1</sup> <sup>2</sup>.

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

<sup>2</sup> Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att legiſlattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklussivament għall-informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes>

---

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL  
F'MEJJU 2013**

**Proċedura bil-miktub kompletata fis-2 ta' Mejju 2013**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Mjanmar/Burma u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1-7	9000/13

**Proċedura bil-miktub kompletata fis-6 ta' Mejju 2013**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Dikjarazzjoni tal-Kunsill li tipprovdi linji gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 1981 li tistabbilixxi proċedura ta' konsultazzjoni tripartitika rigward relazzjonijiet mal-persunal	8696/13

**Proċedura bil-miktub kompletata fis-13 ta' Mejju 2013**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 431/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tas-Somalja ĠU L 129, 14.5.2013, p. 12-14	9021/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 432/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja ĠU L 129, 14.5.2013, p. 15-16	9022/13

**It-3237 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fit-13 u l-14 ta' Mejju 2013**

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tAn-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41 – 58	PE-CONS 4/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva 2013/14/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali, id-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza żejda fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 145, 31.5.2013, p. 1–3	PE-CONS 69/12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1-33	PE-CONS 70/12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) Nru 527/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negożjati ĠU L 165, 18.6.2013, p. 59-61	PE-CONS 13/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1-10	PE-CONS 5/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11-23	PE-CONS 6/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
DIKJARAZZJONIJIET rigward ir-Regolamenti 472/2013 u 473/2013			
<p><b>Dikjarazzjoni mir-Renju Unit</b></p> <p>Ir-Renju Unit tenna l-fehma ċara tiegħu li ma jkunx hemm impenji ġodda mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jstabilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) fis-27 ta' Settembru 2012, u jfakkar fl-impenn fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, li tgħid li billi l-MES huwa mfassal biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, l-Artikolu 122(2) tat-TFUE ma jibqax meħtieġ għal tali finijiet. Għalhekk il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern qablu li huwa m'għandux jintuża għal tali finijiet.</p>			

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**

Ladarba l-leġislazzjoni proposta mill-Kummissjoni dwar it-"two-pack" tiġi adottata, huwa l-ħsieb tal-Kummissjoni li tiegħu passi fuq perijodu qasir lejn UEM profonda u ġenwina kif spjegat fil-pjan ta' azzjoni. Il-passi fuq perijodu qasir (6 sa 12-il xahar) ser jinkludu:

- Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal UEM Profonda u Ġenwina, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fuq perijodu medju ta' żmien, fond ta' ammortament u eurobills jistgħu jkunu elementi possibbli ta' UEM profonda u ġenwina taħt ċertu kondizzjonijiet rigorużi. Il-prinċipju gwida għandu jkun li kwalunkwe pass lejn aktar mutwalizzazzjoni tar-riskju għandu jimxi id f'id ma' dixxiplina fiskali u integrazzjoni akbar. L-integrazzjoni aktar profonda u meħtieġa tar-regolamentazzjoni finanzjarja, il-politika fiskali u ekonomika u l-istrumenti korrispondenti iridu jkunu akkumpanjati minn integrazzjoni politika proporzjonata, li tiżgura l-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà.

Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi Grupp ta' Esperti sabiex tapprofondixxi l-analiżi dwar il-merti, ir-riskji, ir-reqwiziti u l-ostakli possibbli ta' sostituzzjoni parzjali ta' ħruġ ta' dejn fuq bażi nazzjonali permezz ta' ħruġ konġunt fil-forma ta' fond ta' ammortament u eurobills. Il-Grupp ser jingħata l-kompitu li jivvaluta fid-dettall, x'jistgħu jkunu l-karatteristiċi tagħhom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi, l-arkitettura finanzjarja u l-qafas ekonomiku u baġitarju neċessarju u komplementari. Ir-responsabbiltà demokratika ser tkun kwistjoni ċentrali li għandha tiġi kkunsidrata. Il-Grupp ser iqis ir-riforma li għaddejja tal-governanza ekonomika u baġitarja Ewropea u jivvaluta l-valur miżjud għal tali strumenti f'dan il-kontest. Il-Grupp ser jagħti attenzjoni partikolari lir-riformi reċenti u li għaddejjin, bħall-implimentazzjoni tat-"two-pack", l-MES u strumenti rilevanti oħrajn.

Fl-analiżi tiegħu, il-Grupp ser jagħti attenzjoni partikolari lis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, l-evitar ta' periklu morali, kif ukoll kwistjonijiet ċentrali oħrajn bħall-istabbiltà finanzjarja, l-integrazzjoni finanzjarja u t-trażmissjoni tal-politika monetarja.

Il-membri tal-Grupp ser ikunu esperti fil-liġi u l-ekonomija, il-finanzi pubbliċi, is-swieq finanzjarji u l-ġestjoni tad-dejn sovrani. Il-Grupp ser ikun mistieden jippreżenta r-rapport finali tiegħu lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn Marzu 2014. Il-Kummissjoni ser tivvaluta r-rapport u, jekk xieraq, tressaq proposti qabel it-tmiem tal-mandat tagħha.

It-tfittixja ta' modi ulterjuri fi ħdan il-fergħa preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex jiġu akkomodati taħt ċerti kundizzjonijiet, programmi mhux rikorrenti tal-investiment pubbliku b'impatt ippruvat fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li saru mill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà; dan ser isir fir-Rebbiegħa u s-Sajf tal-2013 fil-kontest tal-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kalendarju ta' konverġenza lejn l-Objettiv fuq Terminu Medju;

- Wara d-deċiżjoni dwar li Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-UE li jmiss u qabel tmiem l-2013, il-Kummissjoni ser tressaq il-proposti li ġejjin biex tikkomplimenta l-qafas eżistenti għal governanza ekonomika: (i) miżuri biex tiġi żgurata koordinazzjoni ex-ante akbar ta' proġetti ewlenin ta' riforma u (ii) il-ħolqien ta' "strument għall-konverġenza u l-kompetittività" biex jiġi provdut appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir sostenibbli. Din is-sistema l-ġdida, f'konformità sħiħa mal-metodu Komunitarju, tkun ibbażata fuq il-proċeduri ta' sorveljanza eżistenti tal-UE. Din tgħaqqad l-integrazzjoni aktar profonda tal-politika ekonomika mal-appoġġ finanzjarju, u b'hekk tirrispetta l-prinċipju li jgħid li l-passi lejn responsabbiltà u dixxiplina ekonomika akbar huma magħquda ma' aktar solidarjetà. B'mod partikolari din tkun timmira lejn it-tisħiħ tal-kapaċità ta' Stat Membru li jassorbi xokkijiet asimmetriċi. Dan l-istrument iservi bħala l-fażi inizjali lejn l-istabbiliment ta' kapaċità fiskali aktar b'saħħitha.
- Barra minn hekk, il-Kummissjoni timpenja ruħha li ssegwi b'mod rapidu u komprensiv: (i) il-pjan ta' azzjoni tagħha sabiex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tad-direttivi identifikati fil-pjan ta' azzjoni kif ukoll (ii) il-miżuri u l-proposti mħabbra mill-Kummissjoni dwar il-pakkett tagħha għall-2012 dwar il-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali.
- Il-preżentazzjoni ta' proposta għal Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, b'segwitu għall-adozzjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, li ser ikun responsabbli għar-ristrutturar u r-risoluzzjoni tal-banek fl-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja;
- Il-preżentazzjoni tal-proposta skont l-Artikolu 138(2) TFUE, qabel tmiem l-2013, biex tiġi stabbilita pożizzjoni magħquda biex jinkiseb status ta' osservatur taż-żona tal-euro fil-bord eżekuttiv tal-FMI, u sussegwentement għal sede unika.

Filwaqt li tibbaża fuq il-passi fuq terminu qasir imħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha li jistgħu jintlaħqu b'leġiżlazzjoni sekondarja, il-Kummissjoni hija impenjata li tressaq ideat espliċiti għal bidliet fit-Trattat fil-ħin għal dibattitu qabel l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew fl-2014, bil-għan li tiġi stabbilita l-bażi leġiżlattiva għall-passi kkunsidrati fuq terminu medju, li tipprevedi l-ħolqien ta' qafas sostanzjalment imsaħħaħ ta' sorveljanza u kontroll fl-oqsma ekonomiċi u baġitarji, kapaċità fiskali Ewropea żviluppata ulterjorment biex tappoġġa s-solidarjetà u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir sostenibbli, kif ukoll l-integrazzjoni aktar profonda tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-oqsma ta' politika bħat-tassazzjoni u s-swieq tax-xogħol bħala strument importanti ta' solidarjetà.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Biedja Organika: Applikazzjoni tal-qafas regolatorju u l-iżvilupp tas-settur	8906/13
Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea dwar emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (il-Konvenzjoni ICCAT)	8670/13
<p><b>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea</b>  Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva. Madankollu, il-Kummissjoni mhijiex kuntrarja li jsir hekk f'dan il-każ minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari fis-settur.</p>	
2013/267/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-65 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar fir-rigward ta' emendi għall-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni u fit-92 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima fir-rigward ta' emendi għall-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sikurezza kif ukoll ta' emendi għall-Kapitolu III tal-Konvenzjoni SOLAS u għall-Kodiċijiet ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u tal-2000 dwar dħul fi spazju magħluq u eżerċizzji tas-salvataġġ ĠU L 155, 7.6.2013, p. 1-2	8759/13
2013/268/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' ċerti Kodiċijiet u emendi relatati f'ċerti konvenzjonijiet u protokoll ĠU L 155, 7.6.2013, p. 3-6	8763/13

DIKJARAZZJONIJIET rigward id-Deċiżjonijiet 267/2013 u 268/2013

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill eskluda mill-ambitu tad-Deċiżjoni l-emenda għal-Formoli Supplementari A u B għaċ-Ċertifikat Internazzjonali ta' Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żejt (IOPP), li huma meħtieġa mid-dritt internazzjonali li jinżammu abbord il-bastimenti. Billi d-Direttiva 2009/16/KE teħtieġ lill-uffiċjali tal-Kontroll tal-Istat tal-Port li jikkontrollaw dawn il-formoli speċifiċi fil-verżjoni aġġornata tagħhom, il-Kummissjoni tqis li l-emenda ssuġġerita taffettwa l-liġi tal-Unjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi**

Sabiex jiġu salvagwardati l-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Pajjiżi l-Baxxi vvutaw favur il-proposta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' ċerti Kodiċijiet u tal-emendi għall-Konvenzjonijiet relatati għal dawn il-Kodiċijiet kif ukoll il- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-65 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-emendi għall-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni u fit-92 sessjoni tal-Kumitat dwar is-Sikurezza Marittima ta' emendi għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza u emendi għall-Kapitolu III tas-SOLAS u għall-Kodiċijiet ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u tal-2000 dwar dħul fi spazju magħluq u eżerċizzji ta' salvataġġ.

Waqt li l-Pajjiżi l-Baxxi huma favur approċċ pragmatiku skont id-dover tagħna ta' kooperazzjoni leali u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Unjoni Ewropea, dan il-vot f'dan il-każ speċifiku, ma jistax jiġi interpretat bħala rinunzja mill-pożizzjoni oriġinali tagħna fil-każ pendenti. Lanqas ma jistabbilixxi preċedent għal każijiet simili fejn il-kompetenza għal rappreżentanza esterna saret kwistjoni.

Għalhekk għandha ssir ċara b'mod abbondanti li l-arranġamenti taħt din il-proposta huma mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u li dan il-vot ma jistax jiġi interpretat b'xi mod bħala aċċettazzjoni tal-Artikolu 218(9) TFUE bħala bażi legali adatta għal dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

### **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) qed jingħata bħala l-bażi legali (proċedurali) għall-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' ċerti Kodiċijiet u tal-emendi għall-konvenzjonijiet relatati għal dawn il-Kodiċijiet kif ukoll dik għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-65 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-emendi għall-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni u fit-92 sessjoni tal-Kumitat dwar is-Sikurezza Marittima dwar emendi għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza u emendi għall-Kapitolu III tas-SOLAS u għall-Kodiċijiet ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u tal-2000 dwar dħul fi spazju magħluq u eżerċizzji ta' salvataġġ. Il-Gvern Federali Ġermaniż għandu d-dubji tiegħu dwar l-użu ta' din il-bażi legali għad-Deċiżjonijiet. Il-proċedura skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE ma tapplikax għall-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE f'organizzazzjonijiet Internazzjonali, fejn l-Istati Membri, iżda mhux Unjoni Ewropea nnifisha, huma partijiet kontraenti. Attwalment, l-UE mhijiex Membru tal-IMO. Huma biss l-Istati Membri tal-UE li huma parti mill-IMO. Peress li l-UE mhijiex membru tal-IMO, dawn mhumiex id-deċiżjonijiet ta' organizzazzjoni internazzjonali b'effetti legali għall-UE, li hija l-kondizzjoni stipulata fil-formulazzjoni tad-dispożizzjoni. Il-Gvern Federali Ġermaniż jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ħadet azzjoni legali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra Deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 218(9) tat-TFUE f'każ simili (il-Kawża C-399/12). F'termini ta' kontenut, il-pożizzjonijiet meħuda mill-Ġermanja fl-IMO ser ikunu jaqblu ma dawk miftehma fid-Deċiżjoni tal-Kunsill, iżda ser ikunu mingħajr preġudizzju għad-dubji rigward il-bażi legali espressi f'din id-dikjarazzjoni jew għall-fehmiet tal-Ġermanja fil-proċedimenti msemmija hawn fuq fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea."

### **Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja tapprova l-kontenut tat-testi taż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill (Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' ċerti Kodiċijiet u tal-emendi għall-Konvenzjonijiet relatati għal dawn il-Kodiċijiet u Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-65 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-emendi tal-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni u fit-92 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima ta' emendi tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza u emendi tal-Kapitolu III tas-SOLAS u tal-Kodiċijiet ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u tal-2000 dwar dħul fi spazju magħluq u eżerċizzji tas-salvataġġ), peress li dawn it-testi ġew abbozzati matul in-negozjati fil-Kunsill u għalhekk il-Greċja ser tappoġġa l-pożizzjonijiet tal-UE fil-kuntest tal-IMO. Madankollu, filwaqt li l-Greċja tiffavorixxi approċċ pragmatiku skont id-dover tagħna ta' kooperazzjoni leali bħala Stat Membru tal-UE, aħna xorta nżommu r-riżerva tagħna rigward l-Artikolu 218(9) tat-Trattat bħala l-bażi legali xierqa għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill inkwistjoni, u dan jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea u l-proċedura sussegwenti għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE fl-IMO. Barra minn hekk, il-Greċja tikkunsidra li l-proċedura msemmija qabel m'għandhiex tistabbilixxi preċedent għal każijiet simili, fejn il-kompetenza għar-rappreżentazzjoni esterna tal-Istati Membri tal-UE fl-IMO jew f'Organizzazzjonijiet Internazzjonali oħrajn saret jew ser issir argument ta' diskussjoni.

### **Dikjarazzjoni minn Ċipru**

Ċipru, għall-fini li tippermetti lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tagħmel progress fuq kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tagħha u fl-interess li jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà fuq il-baħar u l-protezzjoni tal-ambjent, ma topponix l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill proposti dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri tal-Unjoni matul:

(1) il-65 u s-66 sessjonijiet tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-IMO, it-92 u t-93 sessjonijiet tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-IMO u t-28 sessjoni regolari tal-Assemblea tal-IMO rigward:

(a) l-adozzjoni ta' Kodiċi għall-Implimentazzjoni tal-Istrumenti tal-IMO;

(b) l-adozzjoni ta' Kodiċi tal-IMO għall-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti;

(c) l-adozzjoni ta' emendi għal ċerti konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali li s-Segretarju Ġenerali tal-IMO jwettaq funzjonijiet depożitarji għalihom u li permezz tagħhom il-kodiċijiet imsemmija qabel u l-Iskema ta' Verifika tal-Istati Membri tal-IMO jsiru obbligatorji; u

(d) l-aċċettazzjoni tal-emendi msemmija qabel f'konformità mad-dispożizzjonijiet rispettivi fil-konvenzjonijiet u l-protokolli kkonċernati;

(2) il-65 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-IMO fir-rigward tal-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni; u

(3) it-92 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-IMO fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi għall-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza u għall-Kapitolu III tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, kif emendata, għall-Kodiċijiet ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 u tal-2000 u għall-Kodiċi tal-Inġenji b'Sosteniment Dinamiku dwar dħul fi spazji magħluqa u eżerċizzji relatati tas-salvataġġ.

Madankollu, Ċipru jixtieq jenfasizza u li jiġi nnotat, li n-non-oppożizzjoni ta' Ċipru għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill proposti, m'għandhiex, u ma tistax, tiġi kkunsidrata jew interpretata bħala waħda li toħloq jew tkun xi forma ta' preċedent u hija mingħajr preġudizzju għall-opinjonijiet jew pożizzjonijiet li Ċipru jista' jagħżel li jesprimi jew jadotta fil-kuntest tal-eżitu tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fir-rigward tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

013/263/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursori tad-droga ĠU L 154, 6.6.2013, p. 5-5	8415/13
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati dwar kollegament bejn l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet u sistema għall-iskambju ta' emissjonijiet fl-Awstralja	8805/13
Direttiva tal-Kunsill 2013/12/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-effiċjenza tal-enerġija, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ĠU L 141, 28.5.2013, p. 28-29	8284/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 dwar eżenzjoni mill-obbligu li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet sommarja tad-dħul u l-ħruġ għal merkanzija tal-Unjoni li taqsam il-Kuridur Neum ĠU L 139, 25.5.2013, p. 1-3	8214/13
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ u fil-Grupp ta' Ħidma Nru III tagħha dwar in-negozjati tal-istandard legali dwar is-soluzzjoni onlajn għat-tilwim għat-transazzjonijiet kummerċjali elettroniċi transkonfinali	8992/13
2013/296/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ĠU L 168, 20.6.2013, p. 1-9	12012/12
2013/297/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi ĠU L 168, 20.6.2013, p. 10-17	12282/12

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 430/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-Indoneżja ĠU L 129, 14.5.2013, p. 1-11	8518/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ĠU L 131, 15.5.2013, p. 1-45	8539/13
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni u tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni, u t-twaqqif ta' sottokumitati speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom	8222/1/13 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tat-Tribunal Speċjali għal-Libanu	9244/13
<b>It-3238 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fi Brussell fl-14 ta' Marzu 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima - finanzjament rapidu	9131/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SEPA (Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro)	9231/13

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2012 tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea: "Ir-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għat-terremot tal-2009 f'Abruzzi: Ir-rilevanza u l-ispiża tal-operazzjonijiet"	8591/13		
2013/237/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka u lir-Repubblika tal-Polonja biex japplikaw miżuri speċjali ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 141, 28.5.2013, p. 37-41	8121/13		
2013/230/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fil-Bulgarija ĠU L 138, 24.5.2013, p. 12-12	8282/13		
2013/229/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fir-Rumanija ĠU L 138, 24.5.2013, p. 11-11	8276/13		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa	9149/1/13 REV 1		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi: Reviżjonijiet fil-fond	9129/13		
<b>It-3239 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA u SPORT) li saret fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Mejju 2013</b>			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 4/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 adottat mill-Kunsill fis-16 ta' Mejju 2013 ĠU C 170E , 15.6.2013, p. 28-49	6353/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 22/2012 rigward il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Fond Ewropew għar-Rifuġjati	9106/13
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern f'Ċipru	9332/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 465/2013 tas-16 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġinaw fl-Indja, fl-Indonesja, fil-Malasja, fir-Repubblika tal-Korea, fit-Tajlandja u fit-Tajwan ĠU L 135, 22.5.2013, p. 1-2	8886/13
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/219/PESK tal-16 ta' Mejju 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 133, 17.5.2013, p. 22-25	9028/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 451/2013 tal-16 ta' Marzu 2013 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 133, 17.5.2013, p. 1-4	9031/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni għolja ĠU C 168, 14.6.2013, p. 2-4	8574/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-politika taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020	9094/13

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh għall-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh ĠU C 168, 14.6.2013, p. 5-9	8575/13
2013/286/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2013 li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2017 fid-Danimarka u f'Ċipru u l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2018 f'Malta ĠU L 162, 14.6.2013, p. 9-9	8931/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-karrieri doppji għall-atleti ĠU C 168, 14.6.2013, p. 10-12	9112/13
<b>It-3240 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fi Brussell fil-21 ta' Mejju 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2012 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-finanzjament minn miżuri strutturali għal proġetti infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali huwa effettiv biex jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart?"	9238/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2012 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kost-effettività tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Effiċjenza Enerġetika	9245/13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 tal-21 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalati (PET) li joriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 ĠU L 137, 23.5.2013, p. 1-29	8834/13
2013/226/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li tirrifjuta l-proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalati li joriġina mill-Indja, it-Tajwan u t-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment tar-reviżjoni ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalati li joriġina mill-Indoneżja u l-Malasja, minħabba li l-proposta timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalati joriġina mill-Indja, it-Tajwan u t-Tajlandja ĠU L 136, 23.5.2013, p. 12-14	9338/13
<b>Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' Mejju 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15-18	8443/13
<b>It-3241 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fis-27 u t-28 ta' Mejju 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja	9579/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mali	9774/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Alimentari u tan-Nutrizzjoni fl-Assistenza Esterna	9134/13

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/240/PESK tas-27 ta' Mejju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ĠU L 141, 28.5.2013, p. 44-46	8567/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/241/PESK tal-27 ta' Mejju 2013 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ĠU L 141, 28.5.2013, p. 47-47	8734/13
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Libja għal ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)	9322/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/269/PESK tas-27 ta' Mejju 2013 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi ĠU L 155, 7.6.2013, p. 9-9	9554/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 488/2013 tat-27 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 141, 28.5.2013, p. 1-3	9561/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għar-Reżiljenza	8477/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2012 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnunha għall-Iżvilupp	9333/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 17/2012 tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea: "Il-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEŻ) għal netwerk tat-toroq sostenibbli fl-Afrika tas-Sub-Saħara"	8857/13
2013/257/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 sa 2020 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ĠU L 150, 4.6.2013, p. 23-25	9164/13
2013/258/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP u tal-UE dwar l-istatus tar-Repubblika Federali tas-Somalja fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ĠU L 150, 4.6.2013, p. 26-27	9444/13

<b>It-3242 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ) li saret fi Brussell fid-29 u t-30 ta' Mejju 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni li tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, emendi u aġġustamenti għall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu	9186/13
2013/303/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire (2013-2018) ĠU L 170, 22.6.2013, p. 1-1	8698/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 591/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jiffissal-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Côte d'Ivoire (2013-2018) ĠU L 170, 22.6.2013, p. 21-22	8700/13
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/248/PESK tad-29 ta' Mejju 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ĠU L 143, 30.5.2013, p. 24-25	9593/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 494/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja ĠU L 143, 30.5.2013, p. 1-2	9594/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 508/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ĠU L 150, 4.6.2013, p. 1-12	9310/13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 501/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 990/2011 fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' biċikletti kkunsinjati mill-Indoneżja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fl-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija kif ukoll jekk le  ĠU L 153, 5.6.2013, p. 1-16	9345/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ĠU L 153, 5.6.2013, p. 17-47	9348/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Regolamentazzjoni Intelliġenti	9533/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Politika Industrijali Spazjali tal-UE: Ir-rilaxx tal-potenzjal għat-Tkabbir Ekonomiku fis-Settur Spazjali"	9599/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: post l-Ewropa f'Tellieqa Globali"	9808/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku"	9701/13
Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ħidma konsultattiva għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka	10331/13
<b>Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-31 ta' Mejju 2013</b>	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2013/255/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14-45	9021/13